MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 264/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Emanuel Mercieca**
**Clint Cremona**

Kumpilazzjoni Nru: 264/2011

Illum, 11 ta' April 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Emanuel Mercieca** ta' 34 sena, bin Victor u Antonia nee' Fenech, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru, 1976 u

residenti fil-fond Nickmar, Triq San Nikola, Qrendi u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 242077(M); u

**Clint Cremona**, ta’ 26 sena, imwieled Pieta, nhar l-1 ta’ Novembru, 1983, iben, Joseph u Rosa Marie nee’ Mallia, residenti fil-fond numru 58, Misrah San Gakbu, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 14584(M).

Akkuzati talli fl-24 ta’ Marzu, 2010, gewwa il-Qrendi ghal habta tas-7:15pm ikkommettew serq ta’ madum ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi il-mitejn u disgha u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centemzu (€239.24) izda ma jeccedix il-€2, 390.234 u kkwalifikat bil-hin.

U lill-**Clint Cremona wahdu**

Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar it-18 ta’ Gunju, 2009 kien gie misjub hati ta’ stupru mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D u giet imposta fuqu sentenza ta’ sentejn habs sospiza ghal erbgha snin.

U aktar talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’sentenza tal-Qorti, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f), 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi kull wiehed mill-imputati ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li kull wiehed mill-imputati qed jinstab hati taghhom, ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, kif ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Emanuel Mercieca** hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar bil-kundizzjonijet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment; u

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f), 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Clint Cremona** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B(2)(b) ta’l-istess Kapitolu 9 il-Qorti qed taghzel li testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospieza mghotija fil-konfront ta’l-imputat Clint Cremona nhar it-18 ta’ Gunju 2009 ghal perjodu ta’ erbgha snin mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien fil-perjodi fuq indikati.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------